**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 494/2016**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Geomike Limited, George Cauchi, John Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-22 ta' Gunju 2016 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 19 ta' Dicembru 2008 maghmula fl-atti n-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Dok. "A" u "B") u permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Settembru 2011 (Dok. "C") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Geomike Limited;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Geomike Limited fis-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin elf, tmien mija u sitta u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€435,866.92) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Geomike Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. "F1 sa F5") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' April 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' zewg kuntratti datati 19 ta' Dicembru 2008 maghmula fl-atti n-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Dok. "A" u "B") u permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Dicembru 2008 (Dok. "G"), il-konvenut George Cauchi iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta Geomike Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Geomike Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi permezz ta' zewg kuntratti datati 19 ta' Dicembru 2008 maghmula fl-atti n-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Dok. "A" u "B") u permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Dicembru 2008 (Dok. "H"), il-konvenut John Cauchi iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta Geomike Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Geomike Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.;

5. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "G" u "H") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta Geomike Limited, George Cauchi u John Cauchi
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta Geomike Limited, George Cauchi u John Cauchi Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

4. IIli l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi I-konvenuti gew interpellat permezz ta' tlett ittra ufficjali datati 28 ta' Dicembru 2015 Ii kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "I", “J” u “K” sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara Ii jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u Ii jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu I-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici Ii qeda hawn titlob Ii din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "G" u "H") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta Geomike Limited, George Cauchi u John Cauchi (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi taI-istess socjeta Geomike Limited, George Cauchi u John Cauchi Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

2. Tikkundanna Iil konvenuti kollha cioe lis-socjeta Geomike Limited, George Cauchi u John Cauchi jhallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-socjeta attrici s-somma ta' erba’ mija u hamsa u tletin elf, tmien mija u sitta u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€435,866.92) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Geomike Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. “F1 sa F5”) flimkien maI-imghax ulterjuri mill-15 ta' April 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

BI-ispejjez komprizi dawk taI-ittra ufficjali datati 28 ta' Dicembru 2015 kontra I-konvenuti Ii huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni (Dok. "I", “J” u “K”).

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ John Cauchi datata 4 ta’ Ottubru 2016 fejn ammetta it-talbiet attrici fil-konfront tieghu;

Rat in-nota tas-socjeta Geomike Limited u George Cauchi datata 14 ta’ Ottubru 2016 fejn l-istess aderixxew ruhhom mat-talbiet kif dedotta;

Semghet ix-xhieda ta’ Dorienne Tanti, litigation officer mal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha illi mill-prezentata tal-kawza l-hawn ma kien hemm ebda tibdil mill-fatti hemm elenkati salv zieda fl-imghax.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti is-socjeta Geomike Limited, George Cauchi u John Cauchi, flimkien u in solidum bejniethom, jhallsu lil bank attur is-somma ta' erba’ mija u hamsa u tletin elf, tmien mija u sitta u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€435,866.92) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta Geomike Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E1 sa E3" u Dok. “F1 sa F5”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' April 2016 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur